Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 262 :: MARZU, 2018

**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com

## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Minħabba li l-aħħar Ġimgħa tax-xahar ta' Marzi taħbat il-Ġimgħa l-Kbira, dan ix-xahar mhux s jkolln laqgħa u allura l-laqgħa li tmiss, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar ta' April, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **27 ta' April, 2018,** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri tal-Grupp tagħna.

## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Il-miżata għadha $10.



## IL-KURĊIFISS, MARIJA MADALENA U POETI MALTIN

***Taħdita ta' Dr Immanuel Mifsud***

***Il-Ħamis, 15 ta' Marzu 2018 fis-6.15pm***

***Dar l-Ewropa, il-Belt Valletta***

Minkejja l-qdusija li biha jittratta l-kurċifiss il-Kristjaneżmu, diversi studji jilmħu kurrenti senswali ħafna fit-trattament li dan is-sinjal jingħata kemm fl-arti viżiva kif ukoll fil-letteratura. Dan jista' jkun fattur ironiku meta wieħed jikkonsidra kemm tradizzjonalment il-Kristjaneżmu tqies bħala reliġjon li kellha l-missjoni li trażżan il-ġisem. Barra minn hekk, il-mewt ta' Kristu kif irrakkontata fil-Vanġeli, tagħti l-impressjoni li Kristu bata mewta mill-aktar atroċi iżda minkejja dan, it-testi viżwali u letterarji li jitkellmu fuq din il-mewta ħafna drabi jinkludu elementi ta' sbuħija li minnhom infushom jixhdu l-ġibda lejn il-kurċifiss.

Fil-letteratura Ewropea, din il-ġibda lejn il-kruċifissjoni tidher b'mod grafiku ħafna, ngħidu aħna, fil-poeti metafiżiċi u reliġjużi, fosthom George Herbert, Richard Crashaw u Thomas Traherne. Bl-istess mod, l-arti Rinaxximentali ssenswalizzat il-korp ta' Kristu u abbinatu ma' figuri oħrajn bħall-karattru vvintat ta' Marija Madalena, li sservi ta' kontrappunt għall-figura tal-Verġni.

Dan il-fenomenu jinstab ukoll fil-poeżija lokali, b'mod speċjali dik miktuba minn poeti reliġjużi, partikolarment Marjanu Vella, li fl-espressjoni ta' fidi u qima tagħhom, l-istess bħall-metafiżiċi Ingliżi, bidlu t-traġedja tal-kruċifissjoni f'eżerċizzju senswali li jissostitwixxi l-qima mal-ġibda u l-imħabba max-xewqa.

---

Dr Immanuel Mifsud (t. 1967) ħareġ diversi kotba ta' poeżija u proża; l-ewwel ġabra ta' novelli tmur lura għall-1991. Fl-2002 rebaħ il-Premju Letterarju Nazzjonali bil-ktieb L-Istejjer Strambi ta' Sara Sue Sammut (Minima) u fl-2011 rebaħ il-Premju Letterarju tal-Unjoni Ewropea bil-ktieb Fl-Isem tal-Missier (u tal-Iben) (Klabb Kotba Maltin). Huwa jgħallem il-letteratura Maltija fil-Junior College u l-Università ta' Malta

## L-EWWEL LAQGĦA TAS-SENA

L-ewwel laqgħa tas-sena tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria inżammet nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Frar, fil-librerija taċ-Ċentru Malti ta' Parkville.

Għalkemm kellna numru ta' apoloġiji, għaxar membri attendew.

Sar qari ta' poeżiji oriġinali ta' xi membri kif ukoll qari ta' poeżiji ta' poeti oħrajn.

Wara kien hemm kikkra te jew kafe` flimkien ma' kejks.



Ritratt: wara, mix-xellug għal-lemin: Paul Vella, Charles Attard, Dr Victor Sammut, Rosemary Attard, Marie Louise Anastasi, Salvina Vella. Quddiem, mix-xellug għal-lemin: Ray Anastasi, Joe Bonett, Michael Xuereb, John Muscat.

# ATTIVITÀ TA' WALID NABHAN




Nhar is-Sibt, 17 ta' Marzu, Inizjamed flimkien ma' EUPL u ċ-Ċentru Kulturali taċ-Ċittadella se jtellgħu attività ma' Walid Nabhan, ir-rebbieħ Malti tal-Premju tal-Unjoni Ewropea għall-Letteratura għall-2017 permezz tar-rumanz 'L-Eżodu taċ-Ċikonji'.

F'din l-attività se ssir taħdita bejn Kit Azzopardi u Walid Nabhan, filwaqt li wkoll li se jinqraw biċċiet mix-xogħol ta' dan l-awtur bravu, li minkejja li twieled f'pajjiż ieħor għoġbu jagħti lil-librerija Maltija ħames kotba.

Wara t-taħdita se jsir riċeviment fl-istess post sabiex niċċelebraw mal-awtur dan il-premju tant prestiġġjuż.

Filgħodu mid-disgħa 'l quddiem Walid Nabhan se jkun fil-ħanut 'Bookworms' li jinsab 105, Triq ir-Repubblika, Victoria. L-awtur se jkun disponibbli biex jiffirma kopji tal-kotba tiegħu kif ukoll jaqbad xi konverżazzjoni.

Dħul b'xejn.

# X'qalu wħud mill-kritiċi fuq 'ĠENESI" ta' Achille Mizzi

I have variously described Mizzi as a volcano for his outbursts of fury and energy; a word-smith for his way with words that tease, draw out and pour like molten metal; a meta-physical who questions things back to their inner core; a sensualist who tests nature with all his senses; a voyeurist who follows the sexual urges of life not only in humanity but also in flowers and insects. You can find poems illustrating all this in the present collection. Norbert Ellul-Vincenti o.f.m.

Fil-versi ta' din id-damma friska nilmaħ lil Achille Mizzi li wasal fuq għatba oħra mill-vjaġġ kronoloġiku f'ħajtu li fih qiegħed jesprimi b'modi aktar misjura, il-vista ta' bniedem ta' kultura wiesgħa, li minnha huwa ssokta jfannad fid-diversi safef ta' ħajtu kif intgħaġnet fih matul medda ta' snin. Huwa jagħnet ukoll fil-milieu li kull wieħed u waħda minna ninkontraw, iżda li nimirħu fih dejjem, skont l-għarfien intellettwali individwali tagħna nfusna......Roderick (Rigu Bovingdon)

"Il-bravura tiegħu hi li bl-għodod kollha li tirrikjedi l-poeżija matura rnexxielu joħloq stil uniku. U laħaq l-ogħla stat ta' maturità artistika sewwasew għax is-sies ta' xogħlijietu huma l-istess ħajja, u kull mezz li jgħin fil-proċess tat-traxxendenza biex oġġett li jaqa' taħt is-sensi tagħna jinbidel f'kontenut spiritwali."....... Louis Briffa

# JUM L-ILSIEN MALTI

Jum l-Ilsien Malti ġie ċċelebrat mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, l-Akkademja tal-Malti u l-għaqdiet uffiċjali tal-Malti nhar il-21 ta' Frar f'serata mużiko-letterarja flimkien mal-Uffiċċju tal-President ta' Malta li biha kkommemoraw il-Jum Internazzjonali tal-Lingwa Materna (UNESCO). Ta' kull sena matul is-serata tingħata ħarsa mill-qrib fuq għaqda partikulari u din is-sena miss lill-Poeżijaplus li se terġa' tkun attiva matul ix-xhur u s-snin li ġejjin. Din is-sena ngħatat ħarsa mill-qrib ukoll fuq ħidma li qed issir mid-Dipartiment tal-Malti fl-Università: dik tat-Tradizzjoni Orali bi preżentazzjoni minn Yanika Schembri Fava. Il-qari tal-poeżiji għall-okkażjoni sar minn Jesmond Sharples, Miriam Ellul u Rachelle Deguara u nqraw siltiet ta' proża minn Mario Sant u Sephora Francalanza. Tkantaw kanzunetti minn Dorothy Bezzina u Vince Fabri u Prof. Joe Friggieri għamel id-diskors ewlieni "Il-Malti llum". Il-President ta' Malta, l-Eċċellenza Tagħha Marie-Louise Coleiro Preca għalqet is-serata b'diskors li fih fissret kif "kull darba li l-Uffiċċju tal-President, jorganizza serati mużiko-letterarji bħal kif ġie organizzat ilbieraħ, fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Lingwa Materna, dejjem niskopri l-ġmiel tal-lingwa tagħna, u kemm tagħġen ġo fiha l-istorja ta' pajjiżna".

# PALK ĦIELES

Nhar l-Erbgħa, 28 ta' Frar, Inizjamed organizzat it-tnejn u għoxrin Palk Ħieles tagħha. Stennejna sal-aħħar tax-xahar, imma mill-appuntament tagħna magħkom ma nqasniex. Inħossuh kemm dover u kemm ta' pjaċir li ntellgħu dan l-avveniment kull xahar. Konna f'post li m'ilux wisq li fetaħ il-bibien tiegħu imma li nħossu huwa perfett għal okkażjoni bħal din – l-Offbeat, ta' Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta.

F'post daqstant intimu kellna poeta speċjali. Poeta li xi darba kien qal li l-imħabba bħal murtal u waqt li ma nafux jekk kliemu jifqgħux is-sema bħall-murtali, nafu fiċ-ċert li se jkunu kapaċi jżewwqu kull rokna tal-Offbeat, jimlewlna widnejna u qalbna. Adrian Grima huwa wkoll il-persuna li grazzi għalih teżisti Inizjamed, il-Festival Mediterranju tal-Letteratura u l-entużjażmu lejn il-kitba Maltija, li bis-saħħa tiegħu ttraxxendiet il-limiti li l-baħar u ċ-ċokon ta' din il-gżira joħoloqu.

Adrian Grima qara għal nofs fis-serata. Imma Adrian ma riedx ikun waħdu, u fl-ispirtu tal-Palk Ħieles kulħadd kien mistieden biex jattendi.

Attività fuq Facebook: www.facebook.com/events/192520908170508/

## Il-mewt u l-qawmien ta' Kristu

Hekk kif eżatt daqqu t-tlieta
Ġesu` miet fuq is-salib,
Għaliex Huwa ġie fid-dinja
Biex is-salvazzjoni jġib.

Għalih kienet iebsa s-siegħa
Biex jifdina lkoll mid-dnub.
Kemm ra ma' wiċċu dan Kristu
Sakemm spiċċa hemm mislub!

Kemm beżqulu u kliem qalulu!
U bix-xewk inkurunawh.
Fil-flaġell min jaf kemm bata!
Min jaf kemm-il daqqa tawh!

Mingħand Kajf' għal għand Pilatu
Sakemm dan ħasel idejh,
Tah lil-Lhud, jagħmlu bih huma.
Warrbu dlonk minn ma' riġlejh.

Il-Lhud għajtu "Sallbu! Sallbu!"
Għaliex ma riduhx b'sultan,
Avolja kuljum fit-tempju
Jiltaqa' magħhom kien Dan.

Kellu jerfa' salib oħxon,
Li bih waqa' tliet darbiet.
Sa ma mar fuq il-Golgota.
Il-kotra warajh kemm ġriet!

Kien hemm warajh Marij'Ommu,
Il-Madalena u San Ġwann.
Dan tal-aħħar baqa' miegħu,
Lilu m'għamel ebd'ingann.

Mhux bħal Ġuda l-Iskarjota,
Dak li sejjaħ traditur,
Jew Pietru li lilu ċaħad
Għax għall-mewt beża' li jmur.

Sewwa sewwa spiċċa msallab
Fin-nofs bejn żewġ ħallelin,
U lit-tajjeb wiegħdu l-ġenna
Kif tal-mewt jasal il-ħin.

Malli qal is-seba' kelma,
Ruħu ħarġet u fis miet.
Fejn is-salib baqgħet Ommu
B'qalbha maqsuma. Kemm bkiet!

Lil Ġesu` ħaduh għad-difna,
Iżda wara t-tielet jum
Huwa qam kif kien imwiegħed.
Daqshekk mejjet kellu jdum!

***Charmaine Tanti (Mosta)***

# *X'Jiktbulna...*

Grazzi ħafna għażiż Paul, Kemm hu sabiħ li bħax-xemx dal-folju jasal iż-żmien li jixgħel fuqna f'waqtu mad-dawra ta' żmien. Prosit u grazzi għall-ħidma kollha li twasslu għandna li niddawlu bih. Nittama li dan isibkom u lill-għeżież tajbin kif ser iħalli lili, shur, Mario

***Mario Tabone-Vassallo***

Għażiż Paul,
Ili ħafna biex niktiblek u nirringrazzjak tat-tagħrif li twasslilna permezz tal-FOLJU. L-Aħbarijiet, il-ġrajjiet u kull kelma li nilmaħ f'kull edizzjoni iqanqluli sens ta' nostalġija meta għal xi żmien kont jien ukoll magħkom f'dik l-art sabiħa Awstraljana. Ma jonqosx li kull meta jkolli okkażjoni insemmi lil ħutna Maltin li ħallew dawn il-Gżejjer biex ifittxu ġejjieni isbaħ fis-snin li ma tantx kienu sbieħ f'pajjiżna. Fil-programm tiegħi "Mill-Pjazza saz-Zuntier" b'tagħrif dwar bliet u rħula Maltin, li jinstema' fuq Radju Malta nhar ta' Ħadd fis-6.45 p.m (ħin ta' Malta) jien dejjem insellem lil ħutna ta' l-Awstralja.
Nibgħat it-tislijiet tiegħi u mill-ġdid GRAZZi mill-qalb !

***Charles Coleiro***

Għażiż Paul, Bonġu! Bdejt il-jum bit-tajjeb xħin sibt il-Folju GLM. Grazzi ħafna tax-xogħol li tieħu, imma nserraħlek moħħok li jħalli ħafna frott! Tislijiet lilek u lil Salvina

***Lina Brockdorff***

Għażiż Paul, Kemm qed nieħu pjaċir li sibt il-Folju l-lejla u grazzi li għoġbok iġġibli s-sunett, napprezza wisq l-għajnuna u l-appoġġ li tagħtini fil-kitba. Nibgħat inselli għalik u ser nitfi l-kompjuter għax hawn Malta dieħel il-lejl u għada nqum kmieni għax-xogħol. Saħħiet,

***Amanda Busuttil***

Għażiż Paul, Niżżikħajr tal-Folju GLM (Frar 2018). Aħbarijiet u letteratura. It-tnejn importanti. L-aħbarijiet huma letteratura minnhom innifishom. Il-letteratura hija aħbar minnha nnifisha. Ibqgħu żommu dan il-livell, kif bdejtu, għamiltu u għadkom tagħmlu.
Prosit u ħajr mill-ġdid, Paul. B'Imħabba:

***Mario Griscti***

Għażiż Paul, Grazzi ħafna tal-Folju ħarġa tal-aħħar. Jien għaddejtu lil Charles Galea li huwa l-President tal-Akkademja Maltija ta' NSW Inc, co-fundattur ta' Skola Maltija Sydney, u għalliem ewlieni tal-klassi tal-HSC Seven Hills. Charles huwa ħu Dr Louis Galea ex Ministru. Charles għoġbu l-Folju u qalli li ser jiktiblek. Jien qed nipprova biex Skola Maltija jkunu jafu bil-Folju forsi jibdew jaqrawh. Grazzi ħafna tax-xoħgol li tagħmlu; nixtieq li għandna għaqda bħal tagħkom għax hawn kollox qed jispiċċa. Jien wieħed mix-xogħlijiet tiegħi huwa ta' interpretu, u xogħol soċjali fejn nara kif il-Maltin qed jonqsu b'pass mgħaġġel. Kondoljanzi għal dawk li ġew nieqsa li jinsabu fil-folju. Il-Mulej jagħtihom il-mistrieħ ta' dejjem. Tislijiet.

***Antoinette Mascari***

Għażiż Paul, grazzi ħafna tal-folju letterarju li dejjem tibgħatli, u nroddlok ħajr ukoll talli ppubblikajtli l-poeżija tiegħi dwar Frar. Prosit ferm tal-materjal tant sabiħ li żżejjen bih lil dan il-folju, li ta' kull xahar inkun qed nistenna bil-ħerqa. Awguri għal iżjed ħidma fejjieda fil-ġejjieni! Inselli għalikom ilkoll.

***Charmaine Tanti mill-Mosta***

Hello Paul, bħas-soltu, dejjem nieħu gost naqra il-Folju GLM....dejjem ikun interessanti.... Tislija għalik u l-Grupp

***Carmen Galea***

Għażiż Paul, Apparti li nirringrazzjak tax-xogħol tassew fejjiedi li qed tagħmlu favur l-ilsien u l-letteratura Maltija, niżgurak li dan il-folju llum jista' jitqies bħala ħolqa li tgħaqqad lill-Maltin kollha mxerrdin madwar id-dinja. Qiegħed nieħu din l-opportunità biex ngħaddilek hawn taħt tliet noti kritiċi dwar 'Ġenesi', l-aħħar ġabra tal-poeżiji tiegħi. Magħhom sa nibgħatlek ukoll ritratt tal-qoxra tal-ktieb kif ukoll ritratt reċenti tiegħi. Nirringrazzjak bil-quddiem jekk issib spazju fejn tippubblikahom. Inselli għalik u għal ħbiebna.
Achille Mizzi

Għażiż Paul,
Nirringrazzjak għall-Folju GLM ta' Frar 2018 li għoġbok tibgħatli, u li jien napprezza tassew bħala mezz li bih il-Maltin, kittieba u mhumiex, jistgħu jiftakru f'aspett ewlieni minsi tal-identità storika tal-poplu Malti, jiġifieri poplu sħiħ magħmul ukoll minn Maltin imxerrdin f'bosta pajjiżi oħrajn fil-kontinenti kollha. Aktar milli bl-isforzi fil-qasam letterarju, il-Folju juri li għodda ewlenija biex tinżamm ħajja r-ruħ Maltija, waħda imma kumplessa, hi l-lingwa, imħaddma għall-espressjoni u għall-komunikazzjoni fuq kull qasam tal-ħajja. Nawguralek li tara l-ħidma tiegħek tissokta twassal dan il-messaġġ nazzjonali wisq lil-hinn u usa' mill-kitba letterarja. Poplu mill-iċken, abitant ta' art ċkejkna ta' tliet mija u sittax-il kilometru kwadru biss, imxerred mat-truf tal-pjaneta kollha. Poplu ċkejken li l-ġejjieni tiegħu se jiddependi minn kemm se jkun kapaċi jibża' għal kull element, minn xiber art sa kelma, li jsawwar il-karattru tiegħu, teneru u qalbieni biżżejjed biex jesplora d-dinja u jġorr miegħu l-kelma li sa issa, għallinqas, żammitu magħqud. Prosit u grazzi.

***Prof. Oliver Friggieri***

## Tislima lill-E.T. Monsinjur Isqof Emmanuel Barbara OFM Cap

### *27 ta' Ottubru 1949 - 5 ta' Jannar 2018*

Mill-qalb jiena xtaqt insellem
Lill-Ordni tal-Kapuċċini
Il-għaliex l-imgħoddi tagħhom
Pjaċir kbir lili jagħtini.

Tul is-snin dawn l-aħwa mbierka
Lil Malta għamlu ħafna ġid
U hekk għadhom qegħdin jagħmlu
B'rieda soda tal-ħadid.

Tul Jannar ta' din is-sena
Sewwa sew fil-ħames jum
Tilfu wieħed minn uliedhom
Illi kien afdat bit-tmun

Fil-Knisja ta' ġewwa l-Kenja
Bħala Isqof ta' Malindi
Sakemm il-Mulej sejjaħlu
Biex minn hemm iħalli r-riedni!

U ma' San Franġisk ilaqqgħu
Fil-għoli minn tas-smewwiet
Fejn qatt iktar mhu se jsaltnu
Niket, dwejjaq jew imwiet!

Matul ħajtu dan il-Patri
Studja wkoll barra minn xtutna
Biex seta' jkun f'qagħda tajba
Li jgħallem bosta minn ħutna.

Għall-bżulija w l-għaqal tiegħu
Kien Ministru Provinċjal,
Kappillan fl-isptar Ċentrali
Jaqdi morda tfal u kbar.

Gawdew mis-servizzi tiegħu
Anke l-Korp tal-Pulizija
Kienu bosta l-Ministeri
Illi okkupa bla tbatija!

Fil-missjoni spiċċa Isqof
Sa ma l-Mewt ħabbtitlu l-bieb
U b'hekk kellu fis jinfired
Minn tant qraba, aħwa w ħbieb!

Nemmen illi issa postu
Max-xirka tal-qaddisin
Fejn issaltan it-tgawdija
Fejn bla tmiem huma s-snin!

Ta' insara illi aħna
Dmirna nħennu għall-mejtin
Biex l-Isqof Manwel Barbara
Dlonk jingħaqad mal-henjin!

***Kav. Joe M Attard, Victoria Għawdex***

## NUMRU 11




... illum hawn fostna min ma jara ebda ħażen jekk tarbija tqattagħha biċċa biċċa qabel titwieled u tifflaxxjaha fit-tojlit. U Paul P. Borg jitkellem bħala interpretu rrabjat tan-niket u l-uġigħ tan-natura. Li sar sar; la l-blat jitqatta', ma jistax jerġa' jikber; jekk titqaċċat l-aħħar ħarruba, ma jkunx hemm aktar minn din is-siġra; it-tbiċċir ta' baby ma tistax tfejqu... qrid ta' raba' produttiv... vjolenza fuq tfajla għax sabiħa... qtil ta' iben bil-pirmli...vjolenza fuq ix-xjuħ... li sar sar; ma nistgħux inreġġgħuh lura...
Prof. Charles Briffa.

Horizons Publications għadhom kif nedew it-tieni volum tar-rumanz ġdid ta' Paul P. Borg, "Il-KMANDAMENT NUMRU ĦDAX – ħobb lill-ħolqien". Il-ktieb fih illustrazzjonijiet tal-artist Frank Schembri. Bħall-ġrajja tal-ewwel volum, ir-rumanz il-ġdid hu bbażat fuq problemi ambjentali li l-ħolqien kellu jġarrab matul is-snin mgħoddija l-aktar minħabba l-ħsara li l-bniedem wettaq kull fejn lemaħ biċċa xagħra. Mosè hu żagħżugħ Malti konvint li Alla qabbdu jieħu ħsieb l-ambjent meta waqt sfilata tal-Karnival qallu biex ixandar kmandament ġdid – ħobb lill-ħolqien! - bħala żieda mal-ewwel Għaxra. Mosè litteralment joqtol għall-ambjent, u ma jħallix lil min jagħmel il-ħsara bħalma sar fl-imgħoddi.

Il-protagonist jinsab inkwetat għax fost il-kmandamenti m'hemmx wieħed espliċitu biex il-bniedem ma jeqridx l-ambjent waqt li hemm fuq kollox, la tisraqx, la toqtolx, la tiżnix, la tidgħix... u la teqridx lill-ħolqien ma jinsab imniżżel imkien ċar u tond. Mosè jibda jqis lilu nnifsu bħal dak is-suldat li biex jiddefendi lil art twelidu jkollu tabilfors joqtol - ikunu xi jkunu l-konsegwenzi.

Mosè jgħaddi minn ħafna avventuri li fihom jipprova jwassal il-messaġġ tal-ħolqien. Narawh jiddefendi tfajla stuprata, jiddefendi x-xagħri u l-kosta madwar Malta minn bini bla bżonn fuqhom, jinkedd għal tfajla vjolentata saħansitra minn missierha stess. Mosè jinkedd jara lil min iħammeġ pajjiżna, u ma jiflaħx jara raġel iswed imsawwat u maħqur għax raġel iswed. Il-qtil ta' tarbija għadha qed tikber fil-ġuf hu delitt li Mosè ma jiflaħx jara aktar. Jekk il-bnedmin l-oħra ma jaraw xejn ħażin f'dan kollu, hu jkollu ripetutament jieħu l-liġi f'idejh, jiġri x'jiġri bil-vjolenza li juża. Quddiem għajnejh jara dejjem lil Ġuditta li fil-Kotba Mqaddsa Alla jgħinha ssalva lil niesha billi qatgħet ras is-sultan tal-għedewwa tagħha. Ikollu juża metodi li mhux dejjem jaqbel magħhom hu stess.

Il-protagonist tar-rumanz ma għandu ebda fiduċja fis-soċjetà, il-ġrajja turi li ma jemminx li l-bniedem jista' qatt ibiddel triqtu u Malta sa jkollha tispiċċa ħażin. Ir-rumanz jintemm bil-ħlas xieraq għal min qered u qatel lill-ħolqien. Għal Mosè l-qerda ta' xagħra jew it-tqaċċit ta' siġra, huma ħwejjeġ gravi daqs l-istupru, l-abbuż fuq it-tfal, l-istupru u l-qtil tat-trabi qabel it-twelid.

Permezz ta' dawn iż-żewġ rumanzi Borg jawgura żmien isbaħ għall-ambjent kemm Malti kif ukoll madwar id-dinja kollha. Donnu issa kullimkien hemm impenn dwar il-ħtieġa li nqimu l-Ħolqien. Il-Maltin qed isiru aktar sensittivi li jiddefendu l-ambjent tagħhom. L-awtur jemmen li ma jistax ikun li l-ambjent naturali Malti jerġa' jsofri d-daqqiet li ġarrab fis-snin li għaddew. Saret ħafna ħsara irriversibbli minħabba li kellna aktar ħsiebna fl-isfruttar tal-ftit ambjent naturali li kellna milli biex nikkonservawh għal uliedna. Jidher li hemm riħ ġdid kemm fis-soċjetà kif ukoll fil-Knisja bil-pubblikazzjoni tal-enċiklika Laudato sii. Imma għadna 'l bogħod. Borg jemmen li jeħtieġ li l-Letteratura Maltija bħala kuxjenza ta' poplu tirrifletti ħafna aktar l-uġigħ ambjentali. Hemm bżonn inżommu quddiem għajnejna l-Kmandament Numru Ħdax "ħobb lin-natura" f'kull deċiżjoni marbuta mal-ambjent. Il-protagonist Mosè li ħoloq Borg jemmen li l-bniedem jeħtieġ juża l-ħolqien bħalma n-naħla tuża l-warda, billi tieħu li tinħtieġ minnha imma ma teqridhiex.

## Il-ħames edizzjoni tal-Festival tal-Ktieb

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u l-Għaqda tal-Malti – Università qed jorganizzaw il-ħames edizzjoni tal-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus, li se jsir fil-21-22-23 ta' Marzu 2018, u jibda fid-9am kuljum b'attività wara oħra sal-4pm. Il-Ġimgħa l-attivitajiet ser ikomplu sa tard filgħaxija.

L-għan ta' dan il-Festival hu li jippromwovi l-letteratura filwaqt li jagħti spazju lill-pubblikaturi u d-distributuri tal-kotba fejn jiltaqgħu biex jippromwovu u jbigħu l-pubblikazzjonijiet tagħhom ma' udjenza matura bħall-istudenti universitarji. Il-Festival huwa mimli b'attivitajiet li jvarjaw minn workshops u films marbuta mal-letteratura, sa qari u intervisti ma' awturi, pitturi, illustraturi, kif ukoll diskussjonijiet dwar il-lingwa, dawriet iggwidati mal-Biblijoteka tal-Università, mużika lokali u għadd ta' kollaborazzjonijiet ma' għaqdiet oħra.

Il-mistieden speċjali tal-Festival huwa l-awtur Sloven Jasmin B. Frelih, rebbieħ tal-Premju Ewropew tal-Letteratura tal-2016 bir-rumanz tiegħu Na/Pol (In/Half). Hu se jkun magħna fil-Kwadranglu għal attivitajiet speċjali kuljum, b'workshop dwar il-kitba kreattiva fil-21 ta' Marzu, b'diskussjoni dwar il-letteratura Slovena mal-kittieb u poeta Malti Immanuel Mifsud fit-22 ta' Marzu, u b'intervista ma' Noel Tanti fit-23 ta' Marzu. Nhar il-Ġimgħa wara nofsinhar, Inizjamed se jtellgħu sessjoni miftuħa bil-mic bil-parteċipazzjoni ta' Frelih. Il-festival se jagħlaq il-Ġimgħa stess filgħaxija b'mużika live minn Cryptic Street u Fuzzhoneys.

Il-pubblikaturi u d-distributuri parteċipi huma BDL, EDE BOOKS, FARAXA BOOKS, HORIZONS, MIDSEA BOOKS, PJATTAFORMA and SENSIELA KOTBA SOĊJALISTI (SKS). Dawn il-pubblikaturi u distributuri ser ikunu qegħdin ibigħu l-kotba minn fuq l-istands tagħhom u se jorganizzaw xi tnedijiet ta' kotba.

L-attivitajiet pjanati ser isiru minn HoASA u Marisa Attard, Dr Bernard Micallef u Dr Olvin Vella, b'kollaborazzjoni mal-Librerija tal-Università, Glen Calleja mad-Dipartiment tal-Malti fi ħdan G.F. Abela Junior College, DESA, Jesmond Vassallo, Noah Fabri, Tradizzjoni Orali – Dipartiment tal-Malti, l-Università, Colette Sciberras, Fattima Mahdi, Moritz Sommer, BDL, Immanuel Mifsud, Inizjamed, Clare Azzopardi u Leanne Ellul, Salvu Catania u Gloria Lucia Laurente, Noel Tanti, Pjattaforma, Alfred u Gabriel Buttigieg, Michael Zammit u Horizons.

Il-ġranet u l-ħinijiet tal-ftuħ huma: l-Erbgħa 21 u l-Ħamis 22 ta' Marzu mid-9am sal-4pm, il-Ġimgħa 23 ta' Marzu mid-9am sat-tard. Dħul b'xejn.

Żuru l-paġna tal-Festival fuq Facebook għal iżjed dettalji.

# THREE ANZACS FROM MALTA,

## *a true story of friendship, love, and loss — by Gioconda S. Schembri*




Available via Amazon.com https://www.createspace.com/6881138 OR http://a.co/3Z1lmhZ (print and ebook)

Smashwords.com (ebook) https://www.smashwords.com/books/view/705687

***Three Anzacs from Malta — Three friends... Big dreams..... One war that shook their world.***

The book 'Three Anzacs from Malta, a true story of friendship, love, and loss' recounts the journey of Charles Bonavia, Waldemar Beck and Anthony Xuereb, three young Maltese men, who leave their small island for Australia, hoping for a better future on the other side of the world. They soon settle in their adopted home, securing good jobs, forging new friendships, and finding love.

But their carefree days are not to last as the sombre clouds of a global war darken their world. The three of them would be thrust in one of the deadliest conflicts humankind had ever seen, which would destroy a whole generation of youth.

From the tiny Mediterranean island of Malta to the vast Australian continent, to the unforgiving slopes of Gallipoli, and all the way to the muddy trenches in Flanders, this historical biography follows these young men as they carve out their destinies. It is a timeless story about migration, the heartache of separated families, war and loss, out of which no one emerges unscathed. But it is mainly a tribute to the tenacity of the human spirit, even in the face of enormous adversity, and a celebration of the virtues that transcend borders and time: courage, friendship and love.

***The book includes photographs, extracts from a war diary and original letters. Genre: non fiction***

***ABOUT THE AUTHOR: Gioconda S. Schembri née Mifsud was born in Malta. After graduating as a Doctor of Laws from the University of Malta, she joined the public service and for three years she served at the Malta High Commission in Canberra as First Secretary, and also as Acting High Commissioner for several months. Gioconda migrated to Australia in 2002, where she has worked with the Maltese Community Council of Victoria, the Australian public service, the Consulate of Malta and as a freelance translator of the Maltese language. Her interests are varied and include history, the theatre, music, literature, international politics, travel and craft. She lives in Melbourne with her husband Darren and son Thomas.***

# Fetħu l-applikazzjonijiet għad-Diploma fil-Letteratura Maltija

Il-Qari Kritiku, l-Intelliġenza Artifiċjali u l-Letteratura Maltija

Fetħu l-applikazzjonijiet għad-Diploma fil-Letteratura Maltija fl-Università ta' Malta li se tibda f'Ottubru li ġej. Dan il-kors part-time ta' filgħaxija, b'żewġ lezzjonijiet fil-ġimgħa ta' tliet sigħat il-waħda, it-Tnejn u l-Erbgħa, huwa mifrux fuq sentejn. Il-kors jiftaħ darba kull sentejn u qed jitmexxa mid-Dipartiment tal-Malti fil-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta. BNF Bank u l-Kunsill Malti għall-Arti qed joffru l-għajnuna finanzjarja tagħhom lill-istudenti li jmorru tajjeb fid-Diploma.

Id-Diploma tiffoka fuq l-analiżi u t-tħaddim tal-letteratura fis-seklu 21 u toffri bosta elementi differenti minn dawk tal-Baċellerat fil-Malti. Dawk li huma interessati jistgħu japplikaw billi jidħlu f'din il-paġna tas-sit tal-Università minn issa sa qabel id-19 ta' Lulju li ġej fis-2.00pm: www.um.edu.mt/apply.

L-applikanti għal dan il-kors universitarju bil-Malti jeħtieġu grad C jew ogħla fil-Livell Avvanzat tal-Malti. Jistgħu japplikaw ukoll (mingħajr il-Livell Avvanzat fil-Malti) dawk li jkunu għalqu t-23 sena qabel il-ftuħ tal-kors: dawn l-istudenti maturi tkun teħtieġ li ssirilhom intervista mid-Dipartiment tal-Malti. Fl-applikazzjoni elettronika l-applikanti jridu jniżżlu l-indirizz elettroniku li jaraw regolarment. Dawk li għandhom ċertifikat tal-Malti fil-Livell Avvanzat iridu jindikaw il-grad li kisbu.

Il-letteratura Maltija u l-istudju tagħha qed jaraw qawmien ġdid. Qed isir ħafna xogħol importanti kemm fl-istudju tal-lingwa u l-letteratura Maltija kif ukoll fl-oqsma tal-pubblikazzjoni, il-kitba kreattiva u t-tagħlim tagħha, l-organizzazzjoni ta' avvenimenti letterarji nazzjonali u internazzjonali bis-sehem tal-awturi Maltin, u x-xandir tal-letteratura Maltija permezz ta' mezzi differenti. Din id-Diploma għandha l-għan li tħejji lill-istudenti għal dawn ir-realtajiet analitiċi u kreattivi tas-seklu 21, u tiftaħ toroq ġodda għall-arti tal-kelma.

Dan il-kors huwa maħsub għal nies impjegati f'diversi setturi kulturali, artistiċi, u kreattivi relatati mal-preżentazzjoni pubblika ta' xogħlijiet letterarji bil-Malti. Huwa maħsub ukoll għal dawk li għandhom interess jaqbdu l-kitba kreattiva bis-serjetà, u dawk li għandhom sehem attiv fl-addattament tal-letteratura Maltija għal forom artistiċi u dixxiplini oħra. Se jinteressa wkoll lil dawk li sempliċiment għandhom passjoni għal-letteratura u jixtiequ jkabbru l-għarfien tagħhom tal-forom ta' kitba kreattiva bil-Malti, kemm tal-imgħoddi kif ukoll tal-preżent.

Bi ftehim mad-Dipartiment tal-Malti, BNF Bank se jħallas il-miżata, sa massimu ta' 2000 ewro, tal-kors tal-istudent jew l-istudenta li tiġi l-ewwel fil-kors, waqt li l-Kunsill Malti għall-Arti se jagħti għajnuna finanzjarja għall-aħjar erba' proġetti tal-istudenti fit-tieni sena tal-kors.

L-ewwel studenti ta' din id-Diploma huma kuntenti ħafna bil-kors. L-għalliem Noel Tanti jgħid li l-iktar ħaġa li apprezza fil-kors hija li hemm "sfond b'saħħtu ta' teorija" li għenu jorbot il-letteratura kontemporanja u kittieba kontemporanji ma' xogħol u kittieba li huma iktar antiki. Għenu wkoll jorbot il-letteratura Maltija ma' letteraturi oħrajn. "Barra minn hekk, apprezzajt ħafna wkoll l-appoġġ kbir li sibt min-naħa tad-Dipartiment u min-naħa ta' sħabi tal-kors."

Studenta oħra, Daniela Attard Bezzina, li taħdem maċ-Ċivil, qalet hekk: "Qabel bdejt il-kors, kont ħsibt li se noqogħdu niddiskutu r-rumanzi u l-poeżiji biss. Fir-realtà għamilna ħafna aktar minn hekk. Tgħallimna dwar bosta teoriji letterarji u kif napplikawhom għax-xogħol letterarju, u mraħna f'oqsma bħall-istorja, is-soċjoloġija u t-teatru. Tiżwiqa sabiħa li ġġiegħlek tħoss li tliet sigħat lezzjoni taru, avolja tkun għadek ġej minn ġurnata xogħol. Ma nistax ngħid li l-bidu ma kienx iebes, iżda issa li bdejna naħsdu l-ewwel frott tal-istudji tagħna, mhux talli nħoss sodisfazzjon kbir li lestejt l-ewwel sena, talli nixtieq li l-kors kien itwal u mhux fadalli sena waħda biss!"

Id-deskrizzjoni dettaljata u avviżi oħra fuq il-kors jidhru kemm fuq is-sit tal-Università, www.um.edu.mt/arts/malti/avvizi/diploma-letteratura, kif ukoll fuq Facebook, www.facebook.com/uom.diplittmalt. Aktar tagħrif jista' jinkiseb b'ittra elettronika lil malti.arts@um.edu.mt jew b'telefonata lin-numru 2340 3387.

Id-disinn tal-materjal promozzjonali tad-Diploma sar minn Panda Design u r-ritratti ttieħdu minn Giola Cassar.

# ‘The Rotunda’ – *A Testament to Faith, Courage and Love*



**Kav. Joe M. Attard**

Ir-raħal tal-Battista qed isemma leħnu bil-pubblikazzjoni ta’ dan il-ktieb fil-lingwa Ingliża (fi żmien mhux ‘il bogħod se jkun ukoll bil-Malti) minn Teddie Mizzi li niftakru sewwa fuq il-bankijiet tal-Liceo waqt li nsellem lil martu Vivienne, għalliema brava tal-Malti fl-iskola sekondarja. Naħseb li l-awtur għamel sewwa fetaħ dil-pubblikazzjoni tiegħu billi sellem lil dawk kollha, kontributuri u voluntiera, ħajjin u mejtin li taw sehemhom bla ebda interess biex illum qed ingawdu dan it-tempju monumentali. Naħseb rari ssib biċċa art oħra fid-dinja li fiha daqshekk knejjes, kappelli, tempji neolitiċi bħalma ssib fil-gżira ċkejkna ta’ Għawdex. Biex wieħed japprezza aħjar din il-knisja monumentali nissuġġerilu jieħu f’idejh dan il-ktieb-gwida għaliex qed jinkiteb minn xi ħadd (Xewki) li segwa u ra b’għajnejh – kif beda dan it-tempju, minn xiex għadda sa ma ġie inawgurat u mbierek wara tant snin ta’ ħidma u sagrifiċċju, każ rari ta’ daqsxejn ta’ raħal, żgur mhux għani imma deċiż u determinat. Huwa xhieda ta’ kuraġġ, perseveranza u s-sengħa kbira tan-nies tax-Xewkija. Biżżejjed insemmu n-numru bla għadd ta’ mollijiet, madwar 1600, li kellhom isiru matul ix-xogħol tal-bini. Bla dubju min jista’ jgħodd l-għadd ta’ voluntiera Xewkin li taw sehemhom matul l-għoxrin sena li damet tiela’ din il-knisja; żgur li mingħajr l-għajnuna tagħhom din l-opra hekk grandjuża ma kenitx tieħu l-ħajja f’għoxrin sena. L-arkitettura li naraw imferrxa ma’ kullimkien ispirata minn arċipriet li kellu ċerta passjoni lejn is-sengħa tal-bini, tassew timpressjonak u nistgħu ngħidu bla biża’ li niżbaljaw, li t-tliet bennejja li bnew ir-Rotunda tax-Xewkija, Ġużepp Cauchi, Toni Vella u Ġużepp Vella, huma miżmuma bħala wħud mill-aħjar bennejja fil-gżejjer tagħna. Kif jaf kulħadd dawn għamlu użu mill-ġebla tal-franka li f’Għawdex issibha sew, riżultat ta’ binja xejn komuni b’koppla ta’ 45.000 tunnellata li tistrieħ fuq tmien kolonni tal-konkrit miksijin bil-ġebla Għawdxija. Dawn jirrappreżentaw it-Tmien Beatitudni. Żgur li kull ġebla li tagħmel parti minn din il-knisja, qabel tqiegħdet f’postha, kienet studjata bir-reqqa mill-perit bravu Giuseppe D’Amato li ħadem id f’id mal-arċipriet tar-raħal Dun Gużepp Grech li kellu jmut qasir il-għomor b’mewta li ġiet fuqu għal għarrieda.

Ta’ kull darba li jżur lil Għawdex bil-familja tiegħu għal xi ftit jiem, il-Professur tas-Soċjoloġija fl-Universita’ ta’ Malta, Godfrey Baldacchino, imur joqgħod ix-Xewkija fejn jiltaqa’ ma’ tant karattri ħelwin bħal ngħidu aħna Marija ta’ Bejża li ma toqgħodx lura milli titolbok tieħu biljett fil-lotterija b’risq il-knisja tar-raħal. Il-Professur, kemm idum Għawdex, ma jitlifx il-quddiesa fir-Rotunda, knisja li taffaxxinah u tagħmlu hieni. Jistqarr li kien għadu student f’The Hague fl-Olanda jistudja għal Masters meta sema’ għall-ewwel darba bir-Rotunda mill-Professur Olandiż, Gerard Kester li żar Malta iktar minn darba u li deherlu li kelli jirreferi għar-Rotunda tax-Xewkija bħala xogħol kbir riżultat tal-ħidma kollettiva u magħquda tal-ħaddiema Għawdxin. Anke f’dan iż-żmien jista’ jkollok proġett f’moħħok li mhux bilfors isir għall-qliegħ materjali u eżempju ħaj ta’ dan kollu hija din il-knisja fil-qalba tar-raħal tax-Xewkija.

Matul dawn l-aħħar sentejn l-awtur jistqarr li ma kienx waħdu biex joħroġ dan il-ktieb imma sab l-għajnuna ta’ diversi persuni fosthom il-fotografu Max Xuereb, bniedem tassew professjonali fil-fotografija, li ħafna drabi, senza interessi, ġibed il-maġġor parti tar-ritratti li jidhru f’din il-pubblikazzjoni, kif ukoll l-Arkivji u kollezzjonijiet privati. Jekk ma niżbaljax f’dan il-ktieb għoddejt ‘l fuq minn mitt ritratt. Irodd ħajr ukoll lill-Profs Baldacchino għall-Introduzzjoni tal-ktieb, kleru tax-Xewkija, anke dawk li ħallewna; lill-Arċipriet Emeritu Mons. Carmelo Mercieca u ħuh Dun Gorġ Mercieca Viċi Parroku, Dun Gwann Mizzi li jiġi ħu l-awtur, Benny Mercieca u Dun Edward Xuereb li ħadu ħsieb il-qari tal-provi, martu Vivienne u bintu Francesca, lin-neputi Anthony P. Mizzi, Edward Farrugia mill-Progress Press, Ray Grima u Albert Pearson għall-pariri tagħhom kif ukoll lil Gorg Grech fotografu anzjan mill-Belt Victoria li familtu kienet mqabbda biex tieħu r-ritratti meta l-Isqof Pace qiegħed l-ewwel ġebla tar-Rotunda. Teddie Mizzi jrodd ħajr ukoll fil-kelmtejn li għamel fil-bidu tal-ktieb tiegħu lis-Sindku ta’ raħlu, lil Randu Zammit miż-Żebbuġ u Joseph Camilleri mix-Xagħra li għaddewlu xi ritratti mill-kollezzjonijiet privati tagħhom, lil Kav. Pawlu Camilleri Cauchi u lis-sagristan iddedikat tar-raħal, lil George Schembri tas-Super high lifts, lill-Perit Jos Mizzi, kuġinuh Joe Xerri ta’ Xmun, Guża Vella tal-Malla, Feliċ Spiteri tal-Pisklu, Gużepp Pace ta’ Pawla flimkien ma’ ħafna oħrajn li mpossibbli nsemmuhom kollha minħabba raġunijiet ta’ spazju. Mhux intenzjonat li jkun xi xogħol akkademiku kbir, imma man-nisġa ta’ dal-ktieb wieħed jinnota l-istorja, il-ġrajjiet, id-drawwiet, it-tradizzjonijiet, l-użanzi, il-valuri u t-twemmin qawwi ta’ kommunità sħiħa bħalma hija dik tax-Xewkija ddedikata lill-Għammiedi. The Rotunda – a Testament to Faith, Courage and Love nistgħu ngħidu li huwa vjaġġ li jibda minn żmien it-Tempju Megalitiku u jintemm mat-tqegħid tal-aħħar ġebla tar-Rotunda u li matulu niltaqgħu ma’ diversi persunaġġi li għamlu ħilithom biex jaraw dil-ħolma sseħħ.

Forsi din il-pubblikazjoni twieldet mis-sehem li kien jagħti l-awtur f’magazine li beda joħroġ f’raħlu 42 sena ilu bl-isem ta’ Gourgion. Kien l-assistent editur tiegħu f’dawk l-ewwel snin bikrija u kien qed jaħseb biex joqgħod għall-eżamijiet tal-GCE u nemmen li Teddie Mizzi kien jissokta f’dik it-triq li kieku f’ħin bla waqt id-destin ma bidilx ir-rotta. F’Mejju tal-1974 ċemplulu li kien hemm lest għalih biljett fuq l-Alitalia Flight għal New York. L-ispiża kienet ta’ ħames liri u l-bqija jagħmel tajjeb għalihom il-Gvern. Teddie tefa’ kollox wara spallejh u f’ħin bla waqt sab ruħu New York biex jiltaqa’ ma’ oħtu u jfittex xogħol. Wara tant snin reġa’ lura fostna u bena l-familja ċkejkna tiegħu. Issa qed nirrejalizza għaliex dan il-ktieb ħareġ bl-Ingliż għalkemm jien għallimtu Malti tajjeb u kellu jiltaqa’ ma’ mara għalliema u ggradwata fil-Malti. Sadanittant ktieb bl-ingliż, isib ċirkulazzjoni iktar wiesa milli kieku miktub bil-Malti u niesna llum tista’ tgħid li kollha taqra u tikteb bl-Ilsien Ingliż.

Naħseb li sa llum dan il-ktieb diġà laħaq daħal f’ħafna mid-djar tax-Xewkin u ċert li sa jkompli jitferrex fost tant oħrajn li għandhom għal qalbhom l-istorja soċjali tagħna kif ukoll l-istorja tal-Knisja fi gżiritna.

Din il-pubblikazzjoni tnediet fiċ-Ċentru tal-Università f’Għawdex u l-qligħ kollu minnha se jmur b’risq il-knisja Rotunda tax-Xewkija, xhieda qawwija tal-imħabba li għandu l-awtur lejn din il-knisja parrokkjali tant għal qalbu!

***Kav. Joe M Attard, Victoria Għawdex***